MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 610/2002/1

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**Vs**

**John Peter Caruana**
**Alexandra mart l-istess John Peter Caruana bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti mal-istess zewgha.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew illi l-konvenut huwa cert u likwidu debitur a favur tas-socjeta' attrici fis-somma komplesiva ta' hdax il-elf mitejn u sittax il-lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm11,216.45) oltre l-interessi bit-tmienja fil-

mija fis-sena (8% p.a.) mit-tnejn u ghoxrin ta’ Settembru elfejn u wiehed (22/09/01), dovuti in kwantu ghal ghaxar t’elef mija u sitta u sittin lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm10,166.36) fuq overdraft account numru zero zero sitta – zero disgha disgha hamsa sitta tmienja – zero zero wiehed (006-099568-001) (Dok A) u elf u hamsin lira Maltija u disa’ centezmi (Lm1,050.09) fuq ‘loan account’ numru zero zero sitta – zero disgha disgha hamsa sitta tmienja – tlieta erbgha zero (006-099568-340) (Dok B).

Premess illi l-konvenuta hija kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u bejn zewgha l-konvenut l-iehor.

Premess illi ghalkemm debitament interpellati biex ihallsu, huma baqghu inadempjenti. (Dok C)

Premess illi l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu ghat-talbiet attrici kif jirrizulta mill-anness affidavit immarkat Dok D, ai termini tal-Art .167 –171 tal-Kap. 16.

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici talbet lil din il-Qorti:

1. tiddeciedi l-kawza bid-dispenza tas-smiegh tal-provi ai termini ta’ Art. 167 –171 tal-Kap.16.

2. tiddikjara lil konvenuti bhala veri certi u likwidi debituri a favur socjeta’ attrici fis-somma komplessiva ta’ hdax il-elf mitejn u sittax il-lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm11,216.45) oltre l-interessi bit-tmienja fil-mija fis-sena (8% p.a) mit-tnejn u ghoxrin ta’ Settembru elfejn u wiehed (22/09/01), dovuti in kwantu ghal ghaxar t’elef mija u sitta u sittin lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm10,166.36) fuq overdraft account numru zero zero sitta – zero disgha disgha hamsa sitta tmienja – zero zero wiehed (006-099568-001) (Dok A) u elf u hamsin lira Maltija u disa’ centezmi (Lm1,050.09) fuq ‘loan account numru zero zero sitta – zero disgha disgha hamsa sitta tmienja – tlieta erba’ zero (006-099568-340) (Dok B)

3. tikkundanna lil konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hdax il-elf mitejn u sittax il-lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm11,216.45) oltre l-interessi bit-tmienja fil-mija fis-sena (8% pa.) mit-tnejn u ghoxrin ta' Settembru elfejn u wiehed (22/09/01), dovuti in kwantu ghal ghaxar t'elef mija u sitta u sittin lira Maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm10,166.36) fuq overdraft account numru zero zero sitta – zero disgha disgha hamsa sitta tmienja – zero zero wiehed (006-099568-001) (Dok A) u elf u hamsin lira Maltija u disa' centezmi fuq 'loan account' numru zero zero sitta – zero disgha disgha sitta tmienja – tlieta erbgha zero (006-099568-340) (Dok B);

Bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi mit-22 ta' Settembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti millum ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' John Peter Caruana** a fol. 26 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi l-ammont kif pretiz fic-citazzjoni mhux dovut stante illi l-interessi mhumiex komputati skond il-ligi ;

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost illi l-ammont pretiz fi kwalunkwe kaz huwa eccessiv stante illi giet applikata rata t' imghax ta' 10.5 % fuq parti mill-bilanc, liema rata giet stabbilita unilateralment mill-attrici minghajr ma giet maqbula mall-konvenut ;

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Bank baqa' jikkapitalizza l-interessi ghal zmien aqsar minn sena wara l-kjuzura ta' l-overdraft account ;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota a fol. 11 li biha t-talba giet ceduta fil-konfront ta' Alexandra Caruana bhala kompartecipi fil-kommunjoni ta' l-akkwisti ma' l-istess konvenut zewgha John Peter Caruana;
Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta’ l-atturi;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-konvenut qed jissottometti li l- Lm1,050 ma jirrizultax li ssellifhom. Illi skond l-atturi dan kien kont tal-Visa Card u meta ma jithallsux lura l-pagamenti il-*visa card liabilities* jigu trasferiti *f’ordinary loan account*. Dok a fol. 8 u 36.

Inoltre l-konvenut kien inghata *overdraft facility* (ara *Sanction letter* a fol. 49). Dan mhux kontestat. Il-konvenut qed jikkontesta l-mod kif gew komputati l-interessi. P.L. Adrian Borg xehed li l-bank kien qed jiccargja l-imghax kompost skond il-ligi u l-prassi sad data tal-call in u wara dika d-data bdew jiccargjaw imghax semplici (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta’ Dicembru, 2002 fil-kawza fl-ismijiet ‘Bank of Valletta Limited vs Anna’s Trading Limited et.)

Il-konvenut ma ressaqx provi biex jikkontesta it-talba attrici u lanqas ma pprezenta nota.

Ghalhekk it-talba attrici hija gustifikata.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa’ t-talbiet attrici u
tiddikjara lil konvenut debitur tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ Lm11,216.45 oltre l-interessi bit-8% p.a mit-22 ta’ Settembru 2001 u
tikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma Lm11,216.45 kif fuq inghad.
Bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi mit-22 ta’ Settembru, 2001 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------